## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 895/2015PA**

**VistaJet Limited**

**vs**

**Nevise Webb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-20 ta' Novembru 2015 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ppremettiet li l-konvenuta kienet impjegata magħha permezz ta' kuntratt ta' mpjieg datat 13 ta' Awissu 2014, kopja ta' liema ġiet annessa mal-istess Avviż bhala Dok.'NW1' (fol.2 sa 10); li fil-25 ta' Mejju 2015, il-konvenuta tat ir-riżenja tagħha sabiex tittermina l-impjieg tagħha minn mas-soċjeta' attriċi u l-konvenuta effettivament daħlet għax-xogħol għall-aħħar darba fit-28 ta' Mejju 2015 (kopja tal-ittra tar-riżenja ġiet preżentata bħala Dok.'NW2', fol.11); li skond il-klawsola 8.2 tal-kuntratt ta' mpjieg tal-konvenuta, hija kienet obbligata tagħti xaħrejn *notice* in linea mal-artikolu 36(5)(f) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta, iżda l-istess konvenuta ddeċidiet li ma taħdimx in-*notice period*; li peress li l-konvenuta ddeċidiet li ma taħdimx in-*notice period,* hija obbligata tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €2,000 skond l-artikolu 36 tal-Kap.452, liema somma hija ċerta, likwida u dovuta.

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) rappreżentanti ħlas ta' *notice money*.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li permezz tagħha eċċepiet: (i) li l-kuntratt tal-impjieg jindika b'mod ċar li taħt ċertu ċirkostanzi, tali kuntratt jista' jiġi terminat mingħajr ma jinħadem in-*notice period*, ai termini tal-artiklu 8.3 – il-konvenuta ttenni li hija tterminat il-kuntratt abbażi ta' raġunijiet tajbin elenkati fil-kuntratt tal-impjieg; (ii) li bla pregudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-ammont pretiż huwa eċċessiv.

Ra li sussegwentement, permezz ta' Risposta ulterjuri ppreżentata fit-18 ta' Jannar 2016, il-konvenuta ssollevat l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *ratione materiae*.

Ra li b'sentenza parzjali mogħtija fl-14 ta' April 2016 minn dan it-Tribunal, diversament presjedut, l-istess Tribunal ċaħad din l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż ta' dan l-istadju jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

Ra l-affidavit ta' **Kenneth Formosa Ventura**, *Group Director Human Resources* tas-soċjeta' attriċi (fol.36 sa 37) li fiħ spjega li x-xogħol tal-konvenuta kien fundamentali għas-soċeta' attriċi minħabba s-servizzi li kienet tieħu ħsieb torganizza għall-klijenti tagħha. Jgħid ukoll li l-konvenuta irriżenjat mix-xogħol fil-25 ta' Mejju 2015, pero' ma ħadmitx in-*notice period* skond il-kuntratt.

Dwar is-somma mitluba f'din il-kawża, Formosa Ventura jgħid li din tirrapreżenta nofs il-paga li l-konvenuta kienet tirċievi f'xahrejn. Skond hu, is-soċjeta' attriċi talbet diversi drabi lill-konvenuta biex tħallas, pero' din baqgħet tirrifjuta. Għamel riferenza wkoll għall-kalkoli li għamlet id-ditta KPMG dwar is-somma dovuta mill-konvenuta f'dawn iċ-ċirkostanzi, li jqarreb ħafna għall-ammont pretiż f'din il-kawża. Huwa ppreżenta wkoll ittra ffirmata minn Paul Pace Ross (fol.38 u 39), mid-ditta KPMG, li fiha spjega li, fil-mument tat-terminazzjoni tal-impjieg, il-konvenuta kellha salarju ta'

€26,270.20ċ, b'mod li l-introjtu gross tagħha f'xahrejn kien jammonta ghal €4,378.37ċ, u għalhekk nofs il-paga ta' xahrejn tiġi tammonta għal €2,189.18ċ.

In kontroezami[1], Kenneth Formosa Ventura ddikjara li ma kienx hu li offra l-impjieg lill-konvenuta, jew li għaddhielha l-kuntratt tal-impjieg, u li għalhekk ma kienx jaf jekk dan ġiex spjegat lilha.

Formosa Ventura ppreżenta kopja tal-ittra ta' riżenja li, skond hu, is-soċjeta' attriċi irċeviet mingħand il-konvenuta, wara li ċaħad li s-soċjeta' attriċi kienet irċeviet l-*email* datata 26 ta' Mejju 2015, u ppreżentata fl-atti bħala Dok.'DW4'. Fil-korrispondenza ta' riżenja tal-konvenuta ppreżentati mix-xhud, u datati 25 ta' Mejju 2015, din tgħid li *'Please accept this letter of resignation from the position of accounts executive at Vista Jet, effective from today, Monday the 25th of May 2015. This wasn't an easy decision, because I am grateful for the rewarding employment I've had with Vista Jet, but after long hours of consideration, my decision is now final and I have accepted a position with another company. While my contract requires me to work until Sunday the 7th Of June 2015, I would be obliged if I could cease work as soon as possible'*. (fol.70)

Dwar in-natura tax-xogħol tal-konvenuta, Formosa Ventura xehed li r-rwol tagħha kien li taqdi lir-rappreżentanti, assistenti jew familjari ta' min ikun ser juża s-servizzi tal-*jet* tas-soċjeta' attriċi – ħafna drabi nies partikolari u importanti. Huwa ċaħad li l-grad tal-konvenuta kien anqas minn ta' ħaddiehor fit-tim tagħha, u insista li l-ħlas tagħha kien jirrifletti dan. Fuq il-konvenuta kien hemm is-*Senior Key Accounts Executive*, li kien ikollhom aktar esperjenza, u kemm dawn u anke l-konvenuta kienu jirrappurtaw lill-*Manager*, parti mit-tmexxija tal-kumpanija.

Ra l-affidavit tal-konvenuta **Nevise Webb** li ddikjarat li, meta ġiet ingaggata mas-soċjeta' attriċi, ħadd ma fissrilha l-kuntratt tax-xogħol li ntalbet tiffirma, u ħadd ma spjegalha l-ħinijiet tax-xogħol li fihom kienet ser taħdem. Qalet li l-proċess għall-ingaġġ tagħha kien mgħaġġel, u f'temp ta' jumejn ingħatat l-impjieg, iffirmat il-kuntratt tax-

[1] 17 ta' Jannar 2017, fol. 65 sa 66

xogħol u bdiet ix-xogħol. Skond hi, fuqha kien hemm struttura maniġerjali li hi kienet tirrapporta lilha ta' kuljum, u li x-xogħol tagħha la kien tekniku, la amministrattiv, la eżekuttiv u lanqas ta' direzzjoni. Xogħolha kien li tassisti lill-klijent fix-xewqat u l-bżonnijiet tiegħu. Fil-livell tagħha kienu jaħdmu bejn tnejn u erba' impjegati, u r-rutina tax-xogħol kienet tikkonsisti li kull impjegat jagħti informazzjoni sħiħa lil min ikun dieħel warajh sa fejn ikun wasal fil-qadi tal-klijenti. Skond il-konvenuta, dan jispjega għaliex meta tterminat l-impjieg, is-soċjeta' attriċi ma kellhiex bżonn, u ma talbithiex, tagħti xi *handover* partikolari lil min kien ser ikompli jaħdem warajha, għaliex dik il-*handover* kienet parti mir-rutina tax-xogħol. Minħabba din il-*handover*, il-konvenuta tgħid li kienet mitluba tirrapporta għax-xogħol nofs siegħa qabel jibda x-xift tagħha, u titlaq mill-post tax-xogħol nofs siegħa wara li jispiċċa x-xift tagħha.

Il-konvenuta tilmenta li, f'dan l-impjieg, spiċċat twettaq ħafna xogħol li ma kinetx titħallas tiegħu. Il-gimgħa tax-xogħol tagħha kienet tikkonsisti f'jumejn mis-7am sas-7pm, jumejn mis-7pm sas-7am, u mbagħad tlett ijiem barra mix-xogħol. Skond il-konvenuta, din ir-rutina ta' ħinijiet strambi għamlitilha ħsara kbira lil saħħitha, u minħabba f'hekk kellha tirrikorri diversi drabi għand it-tabib Dr. Vella. Ma setgħetx torqod, u kkawżalha stress u tensjoni kbira. Tgħid li minħabba f'hekk, hija ddeċidiet li ttemm dan l-impjieg. Skond hi, din kienet problema ta' ħafna ħaddiema oħra mas-soċjeta' attriċi, fiż-żmien li għamlet taħdem hemmhekk hi. Il-konvenuta ddikjarat li din kienet tikkostitwixxi raġuni tajba u biżżejjed biex ittemm l-impjieg.

Mal-affidavit tagħha, il-konvenuta ppreżentat kopja ta' ċertifikat mediku datat 23 ta' Marzu 2015 (fol.59 sa 60, ara kopja oriġinali, fol.62 sa 63), maħruġ minn Dr Adrian Vella, li fih iddikjara li kien preskriva kura kontra d-dipressjoni lill-konvenuta minħabba li x-xogħol bil-lejl kien qed itellfilha r-rutina tal-irqad, u daħħalha fi stat ta' ansjeta'. Dr. Vella rrakomanda li l-konvenuta twaqqaf ix-xogħol tagħha bin-*night shift*.

Il-konvenuta ppreżentat ukoll kopja ta' *email* mibgħuta minnha lil Kim Spiteri, b'indirizz mas-soċjeta' attriċi, fis-26 ta' Mejju 2015, li biha tat l-avviż tar-riżenja. Il-konvenuta tgħid li *'This wasn't an easy decision,because I am grateful for the rewarding*

*employment I've had ... While my contract requires me to work until Sunday the 7th June 2015, I would be obliged ... Please contact me if I can make the transition process proceed more smoothly'*. (fol.61)

In kontroeżami[2], il-konvenuta kkonfermat il-firma tagħha fuq il-kuntratt tal-impjieg tagħha.

Sema' x-xiehda ta' missier il-konvenuta, **Richard Webb**[3], li qal li jaħseb li r-raġuni li wasslet lil bintu biex twaqqaf l-impjieg kienet id-diffikulta' li kellha biex tidra l-ħinijiet tax-xogħol, u l-ħinijiet tal-irqad. Qal li dak iż-żmien kien qed ikollha ħafna kwistjonijiet ma' ommha fuq hekk, bil-biża' li torqod fuq l-*isteering*, u li ma tkunx tista' torqod meta jkollha l-ħin biex torqod.

Ra wkoll il-kopja ta' korrispondenza li għaddiet bl-*email* bejn il-konvenuta u Kenneth Formosa Ventura dwar l-applikabilita' tal-klawsola tal-avviż ta' xahrejn meħtieg mill-konvenuta biex ittemm l-impjieg tagħha.[4]

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawża tirrigwardja talba tas-soċjeta' attriċi, prinċipal preċedenti tal-konvenuta, fit-termini tal-**art.36(10)** tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452), sabiex il-konvenuta tħallasha s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) rappreżentanti nofs il-paga li kellha tirċievi l-konvenuta fix-xahrejn avviż ta' terminazzjoni tal-impjieg li l-konvenuta naqset li tagħti lis-soċjeta' attriċi, kif intrabtet li tagħmel bil-klawsola 8.2 tal-kuntratt ta' mpjieg tagħha datat 13 ta' Awissu 2014.

[2] 17 ta' Jannar 2017, fol. 69
[3] 17 ta' Jannar 2017, fol. 68
[4] Fol. 72 sa 74

Mir-Risposta tagħha għall-Avviż tat-Talba, u mill-provi mressqa u t-trattazzjoni orali tad-difensur tagħha, it-Tribunal fehem li l-konvenuta qed tikkontesta din it-talba għaliex tippretendi li (i) n-natura tal-impjieg li kellha mas-soċjeta' attriċi kienet tali li ma kinetx tippermetti lis-socjeta' attriċi li timponilha avviż tat-temm tal-impjieg itwal minn dak stipulat fl-**art.36(5)** tal-Kap. 452; (ii) kellha raġuni tajba u biżżejjed biex ittemm l-impjieg, fit-termini tal-klawsola 8.3 tal-kuntratt ta' mpjieg bejnha u s-soċjeta' attriċi; u (iii) l-ammont mitlub huwa eċċessiv.

Il-fatti saljenti f'dan il-każ huma paċifiċi bejn il-partijiet. Il-konvenuta kienet ingaġġata biex taħdem mas-soċjeta' attriċi permezz tal-kuntratt tax-xogħol anness ma' dan l-Avviż, datat 13 ta' Awissu 2014, debitament iffirmat minnha u mir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi. Hija rriżenjat minn dan l-impjieg b'effett immedjat permezz ta' avviż ta' riżenja mogħti fil-25 ta' Mejju 2015.

Dwar il-kwistjoni tat-tul tal-avviż tat-temm tal-impjieg, il-punt tat-tluq għat-Tribunal hija l-liġi applikabbli bejn il-partijiet, f'dan il-każ l-**art. 36(5)** tal-Kap. 452, u l-**klawsola 8.2** tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenuta ffirmat bejn il-kontendenti. Dan peress li *'huwa ben not illi ftehim bejn il-partijiet jorbot lill-istess partijiet sakemm ma jkun hemm xejn li jmur kontra l-liġi f'dak il-ftehim. Dan huwa dak li hu magħruf bħala pacta sunt servanda. Kif ingħad, huwa ta' importanza massima fil-liġi dwar relazzjonijiet bejn persuni u l-partijiet kontraenti "li l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda" (ara A.C. datat 5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines**" u "**General Cleaners Company Limited vs Accountant General**" – P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).'*[5]

L-**art. 36(5)** tal-Kap. 452 jipprovdi li:

*(5) Minkejja kull ftehim kuntrarju,* ***u mingħajr preġudizzju għal dak li hemm imsemmi fil-paragrafu (f)****, avviż tat-temm ta' impieg li jkun bi ħsiebu jagħmel il-*

*prinċipal jew l-impjegat taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu, għandu jkun tat-tul bħal ma jingħad hawn iżjed 'il quddiem, jekk l-impjegat kien ilu fl-impieg tal-istess prinċipal kontinwament –*
*(a) għal iżjed minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur ...................... ġimgħa;*
*(b) għal iżjed minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sentejn ...................... ġimgħatejn;*
*(ċ) għal iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn erba' snin .............. erba' ġimgħat;*
*(d) għal iżjed minn erba' snin iżda mhux iżjed minn seba' snin ......... tmien ġimgħat;*
*(e) għal iżjed minn seba' snin, ġimgħa waħda addizzjonali għal kull sena jew parti minnha sussegwenti ta' servizz sa massimu ta' tnax-il ġimgħa;*
***(f) jew dawk iż-żminijiet itwal kif jista' jiġi miftiehem bejn il-prinċipal u l-impjegat fil-każ ta' karigi tekniċi, amministrattivi, eżekuttivi jew ta' direzzjoni**:*
*Iżda l-avviż tat-temm ta' impieg ma jistax jingħata matul il-leave għal maternità jew matul il-perjodu ta' inkapaċità għax-xogħol li għalih jirreferi s-subartikolu (17) jew matul kull perjodu ieħor kif il-Ministru jista' jippreskrivi.*

**Klawsola 8.2** tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenuta jipprovdi li:

*'Following the probationary period, the employment can be terminated by either party subject to a notice period of two (2) months in accordance with Section 36(5)(f) of the Employment and Industrial Relatioins Act 2002.'*

Il-konvenuta tippretendi li l-impjieg tagħha mas-soċjeta' attriċi ma kienx kariga teknika, amministrattiva, eżekuttiva jew ta' direzzjoni, imma sempliċement grad klerikali, li allura ma jaqax fl-eċċezzjoni, stipulata fil-paragrafu (f) tal-**art. 36(5)** tal-Kap. 452, għar-regola li *'minkejja kull ftehim kuntrarju'*, it-tul tal-avviż għat-tmiem tal-impjieg huwa dak stipulat fil-paragrafi preċedenti ta' dan is-subartikolu.

Minnaħa tagħha, is-soċjeta' attriċi tikkontendi li n-natura tax-xogħol li l-konvenuta kienet ingaġġata biex twettaq, fl-isfera partikolari tas-settur tal-avjazzjoni, u fil-kuntest tas-servizz speċjalizżat ħafna li tipprovdi s-soċjeta' attriċi lill-klijenti tagħha, kien ta' natura

[5] **Charicelon Company Limited vs Amanda Greaves**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 17.5.2016, preżentement pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri)

amministrattiva u eżekuttiva, u allura s-soċjeta' attriċi setgħet tikkuntratta magħha avviż itwal għat-terminazzjoni tal-impjieg.

Għalkemm huwa minnu li n-natura tal-impjieg, għall-finijiet tal-**art. 36(5)(f)** tal-Kap. 452, mhix determinata mill-isem li l-prinċipal jogħġbu jagħti lill-grad li fih jingaġġa lill-impjegat (f'dan il-każ *Key Account Executive*), kif argumentat il-konvenuta, madankollu, fil-każ tagħha, u irrispettivament minn dan l-isem, l-obbligi li aċċettat li twettaq għas-soċjeta' attriċi fil-kors tal-impjieg tagħha, skond ma jinsab elenkat fil-klawsola 2.2 tal-kuntratt tal-impjieg, debitament aċċettat u ffirmat mill-istess konvenuta, ma jħallu ebda dubju f'moħħ it-Tribunal li xogħolha ma kienx sempliċement klerikali, imma ta' natura amministrattiva, u fi sfera speċjalizzata ħafna li għaliha riedet titħarreġ, jew li jkollha diġa' t-taħriġ jew it-tagħlim opportun. Hekk, per eżempju, fil-qadi ta' dmirijietha, il-konvenuta kienet mistennija li twettaq xogħol speċjalizzat ta' *flight reservations,* u tipprepara d-dokumentazzjoni appożita, u torganizza u taddatta t-titjiriet għall-bżonnijiet tal-klijent u taħseb għal arranġamenti alternattivi f'każ li jinqalgħu diffikultajiet. Dan ikkonfermah Kenneth Formosa Ventura fix-xiehda tiegħu, meta in kontro-eżami spjega li *'L-irwol li kellha l-konvenuta mas-soċjeta' attriċi kien fis-sens tal-impjegata tas-soċjeta' attriċi li kien ikollha l-kuntratt mar-rapprezentanti, assisenti jew familjari ta' min kien ser juża s-servizzi tal-jet tas-soċjeta' attriċi u allura kien rwol importanti ħafna ... F'din il-kariga l-impjegat huwa mistenni li jikkomunika b'mod sħiħ mal-klijent, jieħu l-istruzzjonijiet sħaħ mingħandu, iżommu nfurmat dwar xi tibdil li jkun hemm u jassigura li jingħata s-servizzi li l-klijent ikun qed jipprtendi li s-soċjeta' attriċi tagħtih'.*[6]

It-Tribunal ma jaqbilx mal-konvenuta li l-ġerarkija tal-karigi u l-gradi fl-istruttura tax-xogħol tal-prinċipal tiddetermina jekk kariga tkunx teknika, amministrattiva, eżekuttiva jew ta' direzzjoni. Filwaqt li l-ġerarkija tista' tkun ta' għajnuna f'din il-klassifikazzjoni, in-natura tal-impjieg tibqa' determinata l-ewwel u qabel kollox mix-xogħol li l-impjegat jiġi nkarigat u afdat biex iwettaq, u filfatt iwettaq b'servizz lejn il-prinċipal tiegħu.

---

[6] Fol. 66

Fil-każ tal-konvenuta, il-klassifikazzjoni li dan it-Tribunal qed jagħti lill-impjieg li kellha mas-soċjeta' attriċi bħala wieħed ta' natura amministrattiva, u mhux sempliċement klerikali, hija konfermata mir-rimunerazzjoni li l-konvenuta ingħatat, u tħallset għal aktar minn disa' xhur b'korrispettiv għal dan ix-xogħol.

Stabbilit għalhekk li l-impjieg li l-konvenuta kellha mas-soċjeta' attriċi kien tali li kien jippermettilha tiftiehem mal-prinċipal tagħha fuq avviż għat-terminazzjoni tal-impjieg itwal minn dak stipulat fil-paragrafi *(a)* sa *(e)* tal-**art. 36(5)** tal-Kap. 452, it-Tribunal lanqas ma jista' jaqbel, mill-provi prodotti quddiemu, li l-konvenuta kienet b'xi mod imġiegħla tiffirma l-kuntratt tax-xogħol tagħha, bil-kundizzjonijiet offruti lilha mis-soċjeta' attriċi, fosthom il-kundizzjoni stipulata fil-klawsola 8.2. Meta l-konvenuta rċeviet l-offerta tax-xogħol mingħand is-soċjeta' attriċi, bil-kundizzjonijiet proposti, setgħet aċċettatha jew irrifjutatha, pero' għażlet li taċċettaha, u għażlet li tiffirma l-kuntratt ta' mpjieg offrut lilha, mingħajr ebda tibdil. Fejn il-liġi trid li tipproteġi l-interessi tal-impjegat kontra sfruttar possibbli mill-prinċipal, dan tagħmlu billi tistabilixxi b'regoli *ius cogens* kundizzjonijiet minimi tal-impjieg, li ma jistgħux jiġu varjati lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Fil-każ tal-impjieg tal-konvenuta, b'riferenza partikolari għall-kundizzjoni dwar it-tul tal-avviż għat-terminazzjoni tiegħu, dan mhux il-każ, u allura dak li l-konvenuta għażlet li taċċetta, jorbotha bis-saħħa ta' liġi[7], fil-konfront tas-soċjeta' attriċi.

Kwantu imbagħad għat-tieni difiża tal-konvenuta li, f'kull każ, il-klawsola 8.2 tal-kuntratt tal-impjieg tagħha ma tapplikax fil-każ tat-terminazzjoni billi kellha raġuni tajba u biżżejjed sabiex tittermina l-impjieg, skond il-**klawsola 8.3** tal-kuntratt, u skond il-liġi, it-Tribunal jerġa' jitlaq mid-disposizzjonijiet rilevanti:

> *'8.3 The contract of employment can be terminated at any time without a notice period, subject to there being a good and sufficient cause for such termination. For*

[7] ***'992.*** *(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.'* (Kod. Ċiv., Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta)

*the avoidance of doubt it is expressly agreed that the term 'good and sufficient cause' as defined by the Company, shall include, but not be limited to:*

…

*(h) Inability to work in the shift pattern including but not limited to night shifts or to travel or perform duties in the countries of operation for any reason whatsoever with the exception of force majeure'.*

L-**art. 36(14)** tal-Kap. 452 jipprovdi li:

*(14) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz …'.*

Il-konvenuta targumenta li kellha raġuni tajba u biżżejjed biex ittemm l-impjieg, u allura ma kinetx obbligata tagħti lis-soċjeta' attriċi avviż tat-terminazzjoni ta' xahrejn, billi ma setgħetx tidra r-rutina tax-xift li kellha f'dan l-impjieg, partikolarment ix-xift ta' bil-lejl, u f'dan ir-rigward produċiet ċertifikat mediku redatt mit-tabib Dr. Adrian Vella, li ddikjara li f'Marzu 2015, il-konvenuta kienet qed tbati minn diffikultajiet biex torqod, u ansjeta', minħabba filli kienet qed tahdem bil-lejl, u minhabba f'hekk irrapporta li ppreskrivielha kura kontra d-dipressjoni, filwaqt li rrakkomandalha li tibdel l-impjieg. Hija tinkażella din ir-raġuni tajba u biżżejjed fil-paragrafu (h) tal-klawsola 8.3 tal-kuntratt tal-impjieg tagħha.

It-Tribunal qies bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-partijiet, u partikolarment l-avviż tar-riżenja li tat il-konvenuta lis-soċjeta' attriċi, kif oriġinarjament preżentat minnha f'din il-kawża permezz ta' *email* mhux kompluta li tidher mibgħuta minnha lil ċertu Kim Spiteri, għas-soċjeta' attriċi, fis-26 ta' Mejju 2015 (Dok. 'DW4', fol.61), u ż-żewġ avviżi ta' terminazzjoni prodotti mis-soċjeta' attriċi, mibgħuta lilha mill-konvenuta, u mhux kontestati mill-istess konvenuta, bid-data tal-25 ta' Mejju 2015 (Doki. 'KFV1' u 'KFV2', fol.70 u 71), li fihom il-konvenuta ddikjarat l-impjieg tagħha mas-soċjeta' attriċi

kien ***'rewarding employment'*** u li ***'after long hours of consideration, my decision is now final and I have accepted a position with another company'*** (fol.70). Minnaħa tagħha, il-konvenuta mkien ma qalet x'għamlet biċ-ċertifikat mediku li ottjeniet mingħand it-tabib tagħha, u li dehrilha li kellha teżibieħ fl-atti. It-Tribunal jifhem li, kieku l-konvenuta sabet ruħha kostretta ttemm l-impjieg tagħha mas-soċjeta' attriċi minħabba saħħitha, u d-diffikultajiet li kellha bix-xift ta' bil-lejl, dan kollu kellha tal-anqas tindikaħ fl-ittra tar-riżenja, u mhux timmotiva r-riżenja tagħha b'li kienet aċċettat xogħol ieħor ma' prinċipal differenti. Effettivament, meta t-tabib kuranti tal-konvenuta rrediġa ċ-ċertifikat eżibit, hija kienet ilha fl-impjieg mas-soċjeta' attriċi ftit aktar minn seba' xhur, li sitt xhur minnhom kienu żmien bi prova, u li matulu l-konvenuta kellha dritt, bil-kuntratt tal-impjieg u bil-liġi, li ttemm ir-relazzjoni lavorattiva tagħha mas-soċjeta' attriċi mingħajr ma tagħti raġuni, u b'avviż ta' ġimgħa waħda biss.[8] Dan pero' m'għamlitux.

Il-ġurisprudenza tagħna tispjega li *'kemm id-dottrina legali kif ukoll il-ġurisprudenza jirritjenu li l-konċett tar-'raġuni tajba u biżżejjed', mhux definit mil-liġi, hu ravviżat f'dawk il-fatti u mġieba tali li jġibu t-tnaqqis ta' dik il-fiduċja, hekk kostitwenti l-presuppost essenzjali tar-rapport prinċial – impjegat. Oltre l-inadempjenza kuntrattwali per se, fir-raġuni tajba' jirrientraw fatti kemm soġġettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b'riferiment għal dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu, il-posizzjoni tal-partijiet fl-ażjenda jew stabbiliment, u mhux l-anqas, il-portata soġġettiva tal-fatt innifsu, ossija ċ-ċirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita' tagħhom, kompriż kull aspett ieħor korrelat li jista' jinċidi negattivament fuq ir-rapport'.*[9] B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, u mill-apprezzament tal-provi mressqa, it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenuta ma tterminatx l-impjieg tagħha mas-soċjeta' attriċi minħabba xi diffikulta' li kellha bl-obbligi tagħha fuq il-post tax-xogħol, jew bl-eżekuzzjoni tagħhom fl-ambjent lavorattiv tas-soċjeta' attriċi, imma sempliċement għaliex preferiet li tħalli warajha dan l-impjieg, u tmur taħdem ma' prinċipal differenti. Jidher li meta għamlet dan, il-konvenuta ma qisitx kif mistħoqq l-

[8] Ara klawsola 8.1 tal-kuntratt tal-impjieg, fol.7
[9] **Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck**, Appell (Inferjuri), 23.11.2005

obbligi li kellha favur is-soċjeta' attriċi f'każ ta' riżenja bħal dik, pero' dak in-nuqqas tagħha ma jista' bl-ebda mod jiġi attribwit lis-soċjeta' attriċi, jew lid-diriġenti tagħha, meta ngaġġaw lill-konvenuta.

Il-konvenuta tippretendi fl-aħħarnett li l-ammont reklamat b'din l-azzjoni huwa eċċessiv.

Wara li qies is-salarju tal-konvenuta, kif miftiehem fil-kuntratt tal-impjieg tagħha, u l-ispjegazzjoni tal-ammont reklamat mid-ditta tal-awdituri KPMG, it-Tribunal jinsab sodisfatt li l-ammont mitlub huwa dovut fit-termini tal-**art. 36(12)** tal-Kap. 452.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha fuq spjegati, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u filwaqt li jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi, jikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000.00).

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**